# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUGA MILL-PARROCCA TA' SAN ĠORĠ • GĦAWDEX

**Mejju • Gunju 1993** *Nru. 72*


## *Il-Kelma ta' l-Arċipriet*

### Il-Papa tal-PACEM IN TERRIS

Tletin sena ilu, eżattament fit-3 ta' Ġunju 1963, miet il-Papa Ġwanni XXIII, il-Papa tat-Tbissima, *il Papa Buono* : il-Papa li matul Pontifikat qasir ta' erba' snin, seba' xhur u sitt ijiem, irnexxielu b'kuraġġ jmexxi l-Knisja ta' Kristu. U sabiex jgħinha tiġġedded u ssir iktar żagħżugħa, nieda l-Konċilju Vatikan II, tlett xhur biss wara li kien ġie magħżul fl-aħħar jiem ta' Ottubru 1958.

Erba' snin wara, fil-11 ta' Ottubru 1962, f'San Pietru, Ġwanni XXIII fetaħ solennement din il-laqgħa Ekumenika, imdawwar b'2500 Isqof minn kull parti tad-dinja. Il-Konċilju Vatikan II kien l-ikbar biċċa xogħol li huwa wettaq. IL-kliem li huwa qal fil-ftuħ tal-Konċilju nistgħu ngħidu li huma sintesi meraviljuża tal-Programm ta' "aġġjornament" tal-Knisja. Huwa qal: ***"Illum, l-għarusa ta' Kristu tippreferi tuża il-mediċina tal-ħniena aktar minn dik tal-ħruxija. Hija tħossha li għandha tilqa' l-ħtieġijiet ta' Ilum billi turi dejjem iktar il-validita' tad-duttrina tagħha, iktar milli iġġedded il-kundanni".***

### Id-Dinja ġiet Imħarsa

Ftit jiem wara l-Ftuħ tal-Konċilju, id-dinja kienet f'xifer ta' gwerra ġdida minħabba l-kriżi ta' Kuba. Fil-11.00pm tal-24 ta' Ottubru, ġurnalista Amerikan, li kien midħla sewwa tal-mexxej Russu Kruscev, wera lill-Vatikan l-Ultimatum ta' John Kennedy lill-Moscow. Fuq xi bastimenti Russi li kienu qed jivvjaġġaw lejn Havana, il-Belt Kapitali ta' Kuba kien hemm missili tal-gwerra. Il-President Amerikan ma kienx kuntrarju li l-Papa jindaħal f'din il-kwistjoni. Gwanni XXIII, infurmat immedjatament dwar dan, qabbad żewġ kollaboraturi sabiex iħejju abbozz ta' messaġġ, filwaqt li hu inġabar fil-Kappella jitlob. Siegħa wara, meta tawh il-messaġġ, talabhom iħalluh waħdu sabiex jitlob.

# Tletin Sena mill-Mewt tal-Papa Ġwanni XXIII



Għadda ftit tal-ħin ieħor. Il-Papa għadda f'idejn il-kollaboraturi tiegħu l-messaġġ kważi kważi mibdul kompletament. Saru traduzzjonijiet tiegħu bl-Ingliż u bir-Russu u intbagħat liż-żewġ ambaxxaturi Amerikan u Russu. Fis-7.00 am: Kruschev wieġeb li kien jaċċetta dak il-messaġġ, filwaqt li siegħa wara daħlet il-konferma ta' Kennedy. F'nofs-in-nhar tal-25 ta' Ottubru il-

*ikompli f'paġna 7*

IL-BELT VICTORIA

RIVISTA TA' KULL XAHREJN

*Uffiċċju Editorjali*
*CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ*
*Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.*
*Tel: 556377*

## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI

**10.4.93** JOHN iben Joseph Borg u Lucia nee' Grima

**11.4.93** DARREN iben Gorġ Mercieca u Monica nee' Micallef

**14.5.93** BIANCA bint Ġorġ Scicluna u Evelyn nee' Gallacher

**15.5.93** ROBERTA bint Raymond Mizzi u Giorġina nee' Cassar

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

**22.3.93** Maria Farrugia
**23.3.93** Maria Refalo
**31.3.93** Joe George Portelli
**16.4.93** Francis Aquilina
**12.5.93** Dolores Formosa

**Donazzjoni b'Risq ir-Rivista**
Rev. Dun Gorg Brincat 40 US$

## *QBADNA N-NIŻLA??*

Nhar l-Erbgħa 26 ta' Mejju ngħata bidu mill-Kummissjoni Djoċesana għall-Apostolat tal-Lajċi, għall-Kampanja favur Ambjent Moralment tajjeb. Dan qed isir għax minn sena għal oħra qed tikber il-permissività speċjalment matul ix-xhur tas-sajf kemm fejn il-baħar kif ukoll fit-toroq u fil-pjazzez tagħna. Hemm bżonn li bħala nsara noqgħodu attenti li ma ninġarrux mid-drawwiet ta' nies b'kulturi oħra u minn modi ġodda mwassla lilna bil-mezzi tal-komunikazzjonijiet. Biex dan isir hemm bżonn li nkunu konvinti minn dak li nemmnu u ma nibżgħux nikkoreġu bil-kalma u bl-edukazzjoni lil min joffendi l-moralità pubblika.

# EDITORJAL

## MONS ARCIPRIET 25 SENA SACERDOT

*Inħossuh dmir tagħna li minn dawn il-kolonni nifirħu lill-Mons. Arċipriet Salv Borg, f'egħluq il-25 sena minn meta ġie ordnat saċerdot mill-E.T. Mons. Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex.*

*Nhar it-Tlieta 11 ta' Mejju li għadda hu ngħaqad ma' sħabu l-oħra li ġew ordnati f'dak il-jum u flimkien ma' Mons. Isqof ħa sehem f'Konċelebrazzjoni li saret fis-santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Dak in-nhar numru ta' parruċċani ingħaqdu miegħu u ma' sħabu f'talba ta' radd il-ħajr lil Alla tal-grazzji kollha li żejjnu bihom matul daw il-25 sena.*

*F'data li titħabbar iktar 'l quddiem, il-Parroċċa tagħna wkoll ser tagħmel festa lill-Arċipriet tagħna f'egħluq il-25 sena ta' saċerdozju. Dak in-nhar, kull wieħed u waħda minna għandhom jagħmlu ħilithom kollha biex nifirħu miegħu, nitolbu miegħu u miegħu nroddu ħajr 'l Alla. Dan huwa dmir ta' kull Ġorġjan, membru tal-Komunita' Parrokkjali mmexxija għal dawn l-aħħar seba' snin minn Dun Salv, kif nafuh aħna.*

*Matul il-25 sena ta' saċerdozju Dun Salv ta eżempju ta' saċerdot żelanti u ħabrieki fil-qasam tal-Mulej. Ħadem fost iż-żgħażagħ u t-tfal bil-ħeġġa ta' Don Bosco wara li kompla l-istudji tiegħu ġewwa L-Universita' tal-Lateran, f'Ruma, dritt wara li ġie ordnat saċerdot.*

*Wettaq ħidma siewja fil-Kurja ta' l-Isqof għall-sbatax il-sena sħaħ, u fl-istess żmien għallem fis-Seminarju tad-Djoċesi. Stinka u ħadem fl-Għaqdiet ta' l-Apostolat tal-Lajċi, speċjalment l-Azzjoni Kattolika, fejn għadu jagħti sehemu sa llum.*

*Iżda f'dawn il-25 sena, l-ikbar ħidma tiegħu u l-iktar waħda impenjattiva żgur li kienu dawn is-seba' snin li matulhom ħa ħsieb il-parroċċa għażiża tagħna ta' San Ġorġ. Ħidmietu ma titkejjilx bl-opri li twettqu jew bl-organizzazzjoni li ħoloq, iżda titkejjel bis-siegħat twal ta' pariri lil kull min kellu bżonn. Titkejjel ħidmietu bis-siegħat twal iddedikati għall-qrar. Titkejjel ħidmietu minn dak li wettaq fil-ħidma pastorali fil-komunita' parrokkjali.*

*L-Arċipriet mhux qed jistenna minna rigali, imma żgur li jistenna minna għajnuna ikbar biex ikompli fix-xogħol tiegħu. Jistenna minna, f'egħluq il-25 sena tas-saċerdozju tiegħu talba lill-Mulej u lil San Ġorġ biex igħinuh ikompli jwettaq hidmietu sewwa, kemm bħala saċerdot kif ukoll bħala mexxej tal-Parroċċa tagħna.*

*F'isem il-Board Editorjali u l-Komunita' Parrokkjali kollha nixtiequlu minn qalbna AD MULTOS ANNOS.*

# GIMGHA EWKARISTIKO-LITURGIKA FIL-BAZILIKA TAGHNA

*Bejn Nhar il-Ħadd 9 ta' Mejju u l-Ħadd 16 ta' Mejju 1993 inżammet fil-Parroċċa tagħna l-Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika. Matul din il-Ġimgħa ġie organiżżat Vjatku sollenni fit-toroq ta' madwar ta' madwar il-Bażilika kif ukoll sar quddies fid-djar tal-Morda. Nhar it-Tlieta 11 ta' Mejju Mons Isqof amministra s-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof lil 34 tifel u 25 tifla. L-għada mbagħad, l-Erbgħa 12 ta' Mejju 37 tifla u 34 tifel irċevew l-Ewwel Tqarbina. Din il-Ġimgħa ġiet fit-tmiem tagħha bil-Kwaranturi Mqaddsa li ntemmew b'Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija minn Mons Isqof u Puċissjoni bis-Santissimu Sagrament mat-toroq ewlenin tal-Belt Victoria.*

## It-Tfal Bniet li rċevew l-Ewwel Tqarbina



Attard Angelique, Attard Francene, Attard Georgina, Attard Joanne, Attard Ritianne, Attard Marie-Josette, Attard Therese, Cachia Amanda, Camilleri Maureen, Camilleri Rosalie, Cassar Adriana, Cauchi Eleonora, Farrugia M. Georgette, Farrugia Morena, Farrugia Ritienne, Formosa Charlene, Grima Kathleen, Livori Luisa, Mercieca Deborah, Mercieca Yana, Micallef Mariella, Mizzi Sue-Ellen, Pace Jolene, Pace Michelle, Picopo Claire, Portelli Jolyne, Portelli Michelle, Portelli Nanchter, Rapa Miriam, Refalo Romina, Said Marilyn, Vassallo Ariane, Vella Marita, Vella Melina, Xerri Ruth, Xureb Claudia M., Xureb Giorgina.

## It-Tfal Subien li rċevew l-Ewwel Tqarbina



Attard Christian, Atttard Francesco Pio, Axiaq Gorg, Bongailas Michael, Bowker Daniel James, Cachia Simon Mario, Caruana Gorg, Caruana George, Cassar Ronald, Cini Malcolm Gorg, Cremona Marvin, Farrugia Antione, Gafa' Marvic, Galea Neville, Grech Marlom F., Grech Richard, Grima Mark, Mercieca Andrea, Mercieca Sharlom, Mintoff Mark, Muscat Gorg Mario, Muscat Matthew Ray, Pavia Benjamin, Rapa Kenneth, Scerri Joseph, Schembri Joseph, Vella Charlie, Xerri Jesmond.

## It-Tfal Subien li rcevew is-Sagrament tal-Grizma ta' l-Isqof



Abela Christian, Apap George, Attard Eddie George, Azzopardi Godwin, Borg Eric, Borg Noel, Camilleri George, Camilleri Shawn, Farrugia Anthony, Farrugia George, Farrugia Mario, Farrugia Josef, Galea Stephan, Gatt Bertrand, Gatt Joseph, Grech Joseph, Grech Josmar, Grech Ruben, Grech Stephan, Grima John Paul, Mizzi Mark, Said Adrian, Said Manwel, Scicluna Billi Joe, Scicluna Franco Joseph, Sultana Matthew, Tabone Michael, Vella Gorg, Vella Kenneth, Vella Stephen, Xerri Felix, Xuereb Adam Lee, Zammir Aaron, Zammit Maximillian.

## It-Tfal Bniet li rcevew is-Sagrament tal-Grizma ta' l-Isqof



Azzopardi Kristy Ina, Azzopardi Rita, Bezzina Jesahel, Camilleri Gina, Camilleri Simone, Cassar Charmaine, Cauchi Sonya, Debattista Giogina, Farrugia Christianne, Formosa Antonella, Gatt Tanya. Grech Roberta, Grima Joanne, Mejlk Andrea, Micallef Maria, Rapa Franceanne, Sacco Marie Patricia, Saocco Sylvana, Said Angie, Saliba Melissa, Saliba Sylvana, Sillato Daniela, Theuma Claire, Xerri Daine, Zammit Jacqueline.

# Il-Kor Laudate Pueri

## impenjat bis-sħiħ fil-Qasam Mużikali f'Pajjiżna

Il-kor "LAUDATE PUERI" tal-Bażilika tagħna kien mistieden biex jieħu sehem f'diversi kunċerti ta' prestiġju li komplew għamlu lilu u lill-knisja tagħna ġieħ u unur.

Fis-6 ta' Frar, il-kor esegwixxa siltiet polifoniċi klassiċi fl-okażżjoni unika tal-ftuħ f'Għawdex taċ-Ċentru ta' l-Univesita' ta' Malta. Għadd ta' mistednin distinti, fosthom l-Onor. Ministru ta' l-Edukazzjoni, l-Onor Ministru għal Għawdex, ir-Rettur ta' l-Universita' flimkien mal-membri tal-"Board" ta' l-Universita', urew l-ammirazzjoni u l-apprezzament tagħhom għal mod eżemplari u ta' livell għoli li bih kienu nterpretati s-siltiet.

Fis-7 ta' l-istess xahar, il-kor ħa sehem b'unur fil-Kuċert Kommemorattiv tal-25 Anniversarju mill-ftuħ tat-Teatru Astra, flimkien mal-Banda Cittadina "LA STELLA", li fost l-oħrajn indaqq u tkanta l-innu "A San Giorgio Martire" (1901) ta' Mons Giuzeppe Farrugia (Tal-Vers). Fl-okkażżjoni tal-festi ċelebrattivi f'egħluq il-100 sena mi-twaqqif tal-Parroċċa ta' San Lawrenz, il-kor kien il-mistieden ewlieni f'Akkademja Mużiko-Letterarja li saret fil-knisja parrokkjali fl-20 ta' Marzu li għadda. Għal din is-serata attendew l-għola awtoritajiet ċivili u ekkleżjastiċi tal-gżira.

Fil-25 ta' Marzu 1993, il-kor kien mistieden mill-Wisq Rev. Provinċjal tal-Patrijiet ta' Ġieżu biex jieħu sehem waqt serata ad unur tal-Beatu Giovanni Duns Scotus. Għal din l-okażżjoni li saret fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani fil-Hamrun, sar l-għasar solenni ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Tkantaw ukoll il-motetti "Ave Maria" ta' T. de Victoria, u "Tota Pulchra" ta' A Borroni. Il-kant intlaqa' tajjeb mill-kongregazzjoni preżenti mmexxija minn numru sabieħ ta' patrijiet mill-Ordnijiet Franġiskani u numru ta' saċerdoti. Dan it-tip ta' għasar Kantat u alternat bejn il-kor 'a quattro voci' u assemblea, illum diffiċli li għadek tisimgħu. Fil-Bażilika tagħna, il-kor jesegwixxi Għasar Kantat, alternat bejn il-Kor 'a quattro voci' u l-assemblea, f'kull jum tat-Tridu Mqaddes fis-Sollennita' tal-Qaddis Patrun tagħna San Ġorġ Martri.

Il-Kor kien mistieden ikanta waqt quddoesa solenni ċelebrata fil-Bażilika tagħna nhar Ħadd il-Għid mill-Provinċjal tas-Sależjani ma diversi sacerdoti maltin u taljani fl-okażżjoni tal-mawra f'Għawdex ta' grupp li jlaħħaq 'l fuq minn mitt ruħ ta' żagħżagħ mill-Italja li huma msieħba fl-assoċjazzjoni sportiva Sależjana (PGS). Għal quddiesa kienu preżenti fost l-oħrajn, l-Eċċelenza Tiegħu l-President ta' Malta, Dr. Censu Tabone u s-Sinjura tiegħu. Fi tmiem din il-quddiesa, Mons Arċipriet ippreż´nta rigal ta' tifkira u awgurju lill-E.T. il-President fl-okkażżjoni ta' għeluq snienu. Ta' min isemmi li kien propju fil-knisja parrokkjali tagħna li hu kien ġie mgħammed 80 sena ilu fi żmien l-Arċipriet Refalo. Fis-17 t'April il-kor kellu l-unur li jipparteċipa f'Kunċert li sar fis-Sala Prinċipali ta' Dan il-Mediterran għall-Konferenzi biex jitfakkar l-egħluqtal-25 sena mill-ftuħ tal-Bank Ċentrali ta' Malta. Għal din l-okażżjoni sinifikattiva kienet esegwita l-famuża 'Carmina Burana' ta' Carl Orff. Il-kor ingħaqad mal-Kor Akkademja flimkien ma' l-orkestra taħt it-tmexxija tas-Surmast Joseph Vella. Dan il-kunċert kien suċċess kbir u xehed għall-ħila u l-professjonalita' tas-Surmast Vella kif ukoll ta' l-elementi diversi li ffurmaw il-kor u l-orkestra.

Fid-19 ta' April il-kor kien mistieden biex ikanta waqt servizz ekumeniku li sar fil-kunvent tad-



*Il-Kor "Laudate Pueri" fil-Knsja ta' San Publiju fil-Furjana.*




*Il-Kor "Laudate Pueri" fiċ-Ċerimonja ta' l-Inawgurazzjoni taċ-ċentru f'Għawdex ta' l-Universita ta' Malta.*

Dumnikani, ir-Rabat ta' Malta, organiżżat mill-'World Council of Women'. Rapport li deher fil-ġurnal ewlieni 'The Sunday Times' tal-25 ta' April 1993 iddeskriva l-kant bħala sublimi.

Il-Ħadd 25 ta' April sar kunċert fis-sala hekk magħrufa ta' San Ġorġ u San Mikiel fil-Palazz Presidenzjali fil-Belt Valletta. Għal dan il-kunċert li kien organiżżat mill-bord tal-'Malta Community Chest Fund' kienet mistiedna s-sopran ta' fama mondjali Katia Ricciarelli li ġiet akkumnpanjata fuq il-pjanu mil-'leader' u organista tal-kor Maria Frendo. Is-sopran distinta kellha kliem ta' tifħir u apprezzament sħiħ għal mod delikat u stupend li bih Maria Frendo daqqet il-pjanu u s-sens ta' 'rapport' li renexxielha toħloq biex setgħet tagħmel esekuzzjoni memorabbli.

Fid-29 ta' April, il-kor kien mistieden mill-'Managing Board' tat-Teatru Manoel biex jieħu sehem f'quddiesa li saret fil-knisja ta' San Publiju, il-Furjana. Għal din il-quddiesa ta' Radd il-Ħajr 'l Alla f'għeluq il-25 sena mit-twaqqif ta' l-orkestra tat-Teatru Manoel, idaqqet il-quddiesa "in Re Maggiore" ta' Joseph Vella. Din il-quddiesa ssir kull sena fis-sollennita' ta' San Ġorġ Martri fit-tielet Ħadd ta' Lulju u għalija jattendu d-diletanti tal-mużika minn kull rokna ta' Malta u Għawdex.

Minkejja dawn l-impenji kollha, il-kor ta s-sehem tiegħu regolari waqt il-quddiesa tal-11.00am ta' kull nhar ta' Ħadd li fiha l-kor jieħu ħsieb jintroduċi siltiet ta' mużika sagra li jkunu adattati għaż-żmien liturġiku. Ta' min isemmi s-sehem li l-kor jagħti waqt il-Ġimgħa Mqaddsa u b'mod partikolari l-esekuzzjoni taċ-ċelebri 'Miserere' Ps.50 ta' Gregorio Allegri, li l-kor ikanta waqt iċ-ċelebrazzjoni liturġika ta' nhar il-Ġimgħa l-Kbira.

Din il-ħarsa ħafifa lejn l-impenji mużikali ta' dan il-kor tixhed għall-isem li jgawdi fil-qasam tal-kultura mużikali-korali ta' pajjiżna, isem li jagħmel ġieħ lilu, lil San Ġorġ u lil Għawdex tagħna.

# INHEJJU GĦALL-FESTA TAGĦNA



**B**il-bidu tad-disa' ħamisijiet bi tħejjija għall-festa tagħna ta' San Ġorġ nistgħu ngħidu li tibda tinħass il-ħtieġa ta' preparazzjoni spiritwali għall-festa. Il-festa għandha tkun għal kull membru tal-komunita' parrokkjali żmien li fih inħarsu iktar mill-qrib lejn il-virtujiet li bihom kien imżejjen Ġorġi tagħna, biex aħna wkoll f'ħajjitna nimitawh ħalli bħalu 'l quddiem ikollna eternita' ta' tgawdija fil-ġenna.

**N**ibdew ukoll naħsbu għall-festi ta' barra, u hawn nixtiequ ningħaqdu ma l-appelli li jsiru mill-Kumitat tal-Banda La Stella li torganiżżahom, biex inħeġġu lil kulħadd jagħti sehemu mill-aħjar li jista'. Kultant mhux kulħadd ikun pront idaħħal idu fil-but u joffri l-kontribuzzjoni tiegħu. Niftakru li l-Każin ukoll qed jagħti sehem kbir biex il-festi jirnexxu u jgħamlu ġieħ lilna u lill-gżiritna. Aħna ċerti li l-ġorġjani kollha jifhmu li jeħtieġ li nagħtu sehem kemm fil-ġbir li jsir kif ukoll, min jista' billi noffru għajnuna għall-armar tal-festa.

**J**'Alla meta jaslu l-jiem tal-festa kulħadd iħossu kburi li kellna festa kbira u sabieħa bħas-solu għax ikun ta s-sehem tiegħu ġenerożament.

LADIES' SOCIETY

# IKLA TA' JUM SAN ĠORĠ

Jum San Ġorġ f'April ifisser appuntament kbir għal-Ladies Society. Sa mill-1984, din l-Għaqda tan-nisa tal-Parroċċa tagħna, ta' kull sena torganizza Ikla Kbira, sabiex minbarra ċ-ċelebrazzjoni *liturġika* l-parruċċani jkollhom ukoll ċelebrazzjoni *konvivjali* li fiha jiltaqgħu bħala ħbieb magħqudin f'isem il-Patrun t'Għawdex San Ġorġ.

Din is-sena l-Ikla saret fil-Lukanda ġdida "l-Imġarr", u fiha ħadu sehem 161 persuna. Fil-fatt ma kienx hemm iżjed postijiet għal oħrajn li xtaqu jiġu. Saret taħt il-patroċinju distint ta' l-Onor. Ministru għal Għawdex u s-Sinjura Tabone. Monsinjur Isqof ma setax jattendi minħabba impenn urġenti li nqala' fl-aħħar minuta.


On the Tenth Anniversary of its Foundation
THE LADIES SOCIETY
of
St. George's Basilica
welcomes you to the
St. George's Day Lunch
held under the
Distinguished Patronage of
H.L. Mgr Nicholas J. Cauchi
Bishop of Gozo
Dean of St. George's Chapter
and
The Hon Mr. Anton Tabone
Minister for Gozo
Sunday, April 25, 1993
L-Imġarr Hotel
Gozo • Malta.

Fl-ikla ta' din is-sena, li rnexxiet mija fil-mija ma tfakkarx biss Jum San Ġorġ iżda ukoll l-għaxar anniversarju mit-twaqqif tal-Ladies Society li bdiet il-ħidma tagħha qrib tmiem is-sena 1983.

F'dawn l-aħħar xhur, il-Ladies Society għamlet diversi attivitajiet oħra, kemm reliġjużi kif ukoll rikreattivi, kif ukoll "fund-raising". Fosthom ta' min isemmi żewġ ħarġiet f'Malta, pellegrinaġġ għall-kappella tad-Dar ta' San Ġużepp, f'Għajnsielem, nofs ta' nhar Irtir għand is-Sorijiet Agostinjani, u diversi Coffee Mornings.

Issa jmiss il-Bazaar tal-Festa li se jsir fit-12 u 13 ta' Ġunju fi Pjazza San Ġorġ.

Inħeġġu lil dawk kollha li jħobbu lil Patrun tagħna San Ġorġ u l-Bażilika lilu ddedikata sabiex ma jonqsux milli jilqgħu l-istediniet li tagħmlilhom il-Ladies Society għall-attivitajiet tagħha.

## Ħinijiet tal-Quddies Fil-Għaxija

- **Ħdud u Festi:** Fil-5.00pm u fis-6.30pm
- **Matul il-Ġimgħa:** Fil-5.30pm u fis-7.00pm

## LIL SAN BENEDITTU ABBATI

### *PATRUN TA' L-EWROPA*

Mgħallem tas-skiet; bennej tal-Monakiżmu,
Is-sliem għalik, ta' Norċja Benedittu.
Ġieħek ma jmutx għax qridt il-Paganiżmu,
Fil-Knisja tagħlim żrajt u sew irfidtu.

It-talb u x-xogħ'l huma s-sisien ta' wliedek,
U fuqhom bnejt kastell kontra l-għedewwa,
U dan jixhduh l-eluf li mxew b'kitbietek,
Fihom sabu tagħlim u għerf u ħlewwa.

Is-sema u l-art it-tnejn stagħnew b'tagħlimek,
Bħal xmara bil-ġieħ faru, wkoll b'tifħir,
Uliedek għallmu l-ġnus kif Lilek tqimek,
U ma beżgħu minn ħadd, lanqas tmaqdir.

Nitolbuk, Qaddis kbir, li għext is-skiet,
Li timla' lill-qlub tagħna bil-barkiet.

**Kan. Dun Nikol Vella Apap**
*21 ta' Marzu 1966*

***Nota:*** *Fis-sena 1966, il-Papa Pawlu VI għamel lil San Benedittu Abbati "Patrun ta' l-Ewropa", hekk il-festa ta' dan il-Qaddis bdiet issir ta' kull sena fil-11 ta' Lulju. Qabel il-Festa ta' San Benedittu kienet issir fil-21 ta' Marzu tifkira tat-"Transitus" (Mewt) tiegħu li ġrat f'Montecassino madwar is-sena 547.*

*San Benedittu twieled f'Norcia madwar is-sena 480. Oħtu tewmija hija Santa Skolastika li l-festa tagħha ssir kull sena fid-9 ta' Frar. Dawn iż-żewġ qaddisin Aħwa ġejjin mill-familja "ANICIA" li minnha huwa ukoll ġej San Ġorġ Megalomartri. Mill-Familja ANICIA insibu wkoll lil Papa San Girgor il-Kbir (590-604), lil Papa San Feliċ II (482-492), lil Proba u Ġuljana, li jissemmew minn San Ġlormu u Sant Wistin.*

LELI PORTELLI



• LEGATURA
• TISWIJA TA' KOTBA
MAGAZINES u DISSERTATION

97, Aris Street, Xaghra, Gozo. Tel: 552556

*jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

# Tletin Sena mill-Mewt tal-Papa Ġwanni XXIII

Papa xandar l-appell tiegħu lid-dinja. Il-paċi ġiet salvata.

## Is-Sinjura Adjubei bkiet

Ftit xhur wara it-tifla ta' Kruschev flimkien ma'żewġha Adjubei, direttur tal-***Izvestia*** ġew milqugħa mill-Papa fil-Vatikan. Matul l-Udjenza il-Papa ta Kuruna tar-Rużarju lis-Sinjura Adjubei. Imbagħad talabha sabiex tgħidlu l-ismijiet tat-tfal tagħha. Il-



Papa qalilha: "Jiena naf diġa x'jisimhom.......iżda jekk jogħġbok għidhom int. Ħadd ma jaf jgħidhom sabiħ iktar minn omm".

Kienu ħafna dawk li ma tantx niżlitilhom din iż-żjara ta' dawn ir-Russi fil-Vatikan. Il-Papa Gwanni XXIII qal lill-Kardinal Marty, Arċisqof ta' Pariġi: *"Jiena naf li ħafna skantaw minħabba din iż-żjara. Kien hemm minn ħassu offiż u inkwetat. Għaliex? Jiena rrid nilqa' lil kull min iħabbattli l-bieb. Jiena iltqajt magħhom, tkellimna dwar uliedhom. Rajt lis-Sinjura Adjubei tibki. Tajtha kuruna tar-Rużarju, filwaqt li għidtilha li żgur li ma tafx għalfejn nużawha u l-anqas kont qed nippretendi minnha li tibda tużaha, tlabtha biss li kull darba li tħares lejn il-Kuruna tiftakar li kien hemm OMM PERFETTA, mimlija b'imħabba tassew kbira.*

## Il-"Pacem in Terris"

Fil-11 ta' April 1963, Ħamis ix-Xirka, Il-Papa t-Twajjeb, indirizza lid-dinja kollha l-Enċiklika tiegħu PACEM IN TERRIS. Kienet it-testment tiegħu. Il-President Kennedy kellu dan il-kumment dwar din l-Enċiklika, li ħarġet sentejn wara l-enċiklika l-oħra MATER ET MAGISTRA: : ***"Bħala Kattoliku inħossni kburi, u bħala Amerikan tgħallimt ħafna minnha. L-Enċiklika turina b'ċerta konvinzjoni, li fuq il-bażi ta' reliġjon kbira, jista' jiġi żviluppat suġġeriment f'materja ta' affarijiet pubbliċi li tkun utli għall-bnemdin kollha ta' rieda tajba".***

## It-Tmiem

It-tmiem ta' dan il-Papa kbir kien wasal. Tumur aħrax kien qed ikissru bl-uġiegħ. Fit-30 ta' Mejju 1963, it-tobba qatgħu qalbhom għal kollox. Is-Segretarju tiegħu infexx jibki. Il-Papa rah u qallu: "Issa mhux il-ħin tal-biki. Dan hu mument ta' ferħ...mument ta' glorja.........Bil-mewt tibda ħajja ġdida........Jiena stajt insegwi pass pass il-mewt tiegħi.......issa sejjer kuntent.........Jiena trankwill: għamilt dejjem ir-rieda ta' Alla, dejjem....dejjem........dejjem...."

Wara erbgħat ijiem ta' agunija, ma' l-ewwel dellijiet tal-għabex tat-Tnejn 3 ta' Ġunju, il-Papa tal-Konċilju miet. Kellu 81 sena, sitt xhur u 9 t'ijiem. Fl-Awla tal-Konċilju kien ġie propost li jipproklamawh QADDIS b'akklamazzjoni. Iżda dan ma seħħx. Beda l-proċess tiegħu. Iżda għall-bnedmin kollha ta' rieda tajba GWANNI XXIII huwa diġa meqjus bħala l-bniedem ġust u qaddis.

Kemm għandna x'nitgħallmu minnu! Kemm għandna x'nimitaw fih!

**Illum, tletin sena mill-mewt tiegħu rridu ngħidulu :**

- **GRAZZI tat-Tieqa li int bexxaqt fuq il-Knisja**
- **GRAZZI tal-Konċilju li nidejt u ftaħt**
- **GRAZZI tat-Tbissima li tferraħ u tfarraġ**
- **GRAZZI tal-Paċi li għaliha ħdimt u stinkajt**
- **GRAZZI tas-sempliċita' tiegħek li tisraq il-qlub**
- **GRAZZI u idħol għalina biex bħalek inħobbu l-Knisja Ommna.**




Għeżież tfal,

Kif intom? Iż-żmien għaddej u ma jistenna lil ħadd. Reġgħu għaddew xahrejn oħra bil-ħeffa, u dan ifisser li reġa' wasal iż-żmien li niltaqgħu u ngħidu xi ħaġa għall-ġid.

Infakkarkom, allavolja intom tafu tajjeb u mhux ser tinsew, li x-xahar li jmiss - Ġunju - huwa x-xahar ta' l-eżamijiet: min ser jagħmel l-eżamijiet anwali u min ser jagħmel jew għamel l-eżamijiet għall-Junior Lyceum u għas-Seminarju. Jien nawgura lil kulħadd li jkollu riżultat tajjeb. Biss, niftakru dejjem li rridu nkunu mħejjijin tajjeb billi, m'għandniex xi ngħidu, nistudjaw ħafna u nistinkaw kemm nifilħu.

Tfal, illum irrid ngħidilkom xi ħaġa mportanti. Aqraw din: Tony beda jitkellem baxx, u meta kkoriġewh, qalilhom,"U iva, b'daqshekk x'fiha?"

Joe tefa' ġebla lejn bozza t' l-elettriku fil-park u kissirha, u meta widdbuh, qalilhom:

"U iva b'daqshekk x'fiha?"

U b'effett ta' dawn in-nuqqasijiet li għal xi wħud huma żgħar, il-ħajja nagħmluha kerha u iktar diffiċli.

Fhimtuh, tfal, dan il-kliem? Toqgħodux tgħidu bħal dawn it-tfal vandali u mqarbin: "U, b'daqshekk x'fiha?" Għax meta tidraw tagħmlu xi ħaġa, ikun diffiċli ħafna biex taqtgħuha u ma tibqgħux tagħmluha. Ftakru dejjem f'dak il-qawl Malti li jgħid: "L-għada (id-drawwa) li titrabba fina, il-kefen (il-mewt) biss ineħħiha".

Tata', *Iz-Ziju Peppi*

# Il-Grupp Folkloristiku Astra fir-Russja

L-ewwel grupp folkloristiku Malti li ta spettakli folklotistiċi fir-Russja kien il-Grupp Folkloristiku ASTRA, tas-Soċjeta' La Stella.

Mit-13 sal-21 t'April 1993, il-Grupp Folkloristiku Astra pparteċipa bħala mistieden speċjali fl-okkażżjoni tat-tieni festival nazzjonali taż-żgħażagħ tal-belt Stat ta' Voronezh, fir-Russja. Il-Grupp Astra kien l-uniku grupp barrani mistieden ta' l-unur għal dan il-Festival.

L-ewwel attivita' tal-Grupp kienet bankett ta' merħba lill-Grupp Astra. Preżenti għal dan il-bankett kien hemm ir-Rettur ta' l-Universita' ta' Voronezh, Profs. V. Popov u personalitajiet deistinti mill-belt ta' Voronezh. Waqt din il-festa ta' merħba saru diskorsi ta' l-okkażżjoni u bdil ta' rigali u tifkiriet minn V. Popov. Id-direttur artistiku tal-Grupp Astra, Manwel Grima, irreċiproka.

Ġew organiżżati udjenzi speċjali lill-kontinġent Għawdxi fosthom spettakli folkloristiċi minn diversi gruppi Russi ta' Voronezh, show impressjonanti mill-iskola tal-mużika tat-tfal, ieħor minn ġrupp professjonali 'Cossacks of Russia' u l-ballet 'Swan Lake' fil-Voronezh Opera House.

Il-grupp itieħed f'eskursjonijiet madwar il-belt ta' Voronezh, f'mużewijiet ta' l-antikita' u ta' l-arti, diversi monumenti sbieħ u ġonna pubbliċi.

L-ispettakli offra l-Grupp Astra kienu milqugħa kollha bi 'standing ovations', bukketti ta' fkuri u kummenti nkoraġġanti ħafna. Għall-membri tal-grupp din kienet xi ħaġa li għamlitilhom kuraġġ għax filwaqt li fil-Grupp Astra kulħadd ammira l-aġilita' tagħhom fil-mużika u fiż-żfin, huma baqgħu mistagħġbin bil-ħlewwa tal-mużika u taż-żfin folkloristiku malti.



Fost il-ġurija kien hemm id-direttur artistiku tt-Teatru Bolshol ta' Moska, id-direttur artistiku tal-'Voronezh Opera House', is-segretarju ġenerali tal-'Moscow Folk and Art Centre', u l-koreografu prinċipali ta' skola ewlenija tal-ballet f'Voronezh. Waqt l-ispettakkli tal-grupp din l-istess ġurija wriet l-apprezzament tagħha billi bagħatet ħafna bukketti ta' fjuri lill-artisti prinċipali tal-grupp Astra. Il-Grupp ġie ppreżentat b'"Diploma For Outstanding Performances", rigali u trofej mid-Direttur tal-Kultura ta' Voronezh, Ivan Chuknov.

L-aħħar jum tal-Grupp Folkloristiku Astra kien fil-belt ta' Moscow, fejn saru sight-seeing tours. Delegazzjoni mill-Grupp kellha laqgħa kordjali ħafna ma' l-Ambaxxatur Malti f'Moska, is-Sur Maurice Lubrano u s-Sinjura tiegħu. Saret laqgħa oħra mad-Direttriċi tal-Moscow Folk Art House, fejn din stiednet lill-Grupp Astra għall-spettakli folkloristiċi ma' diversi bliet u rħula fuq ix-xmara Volga.



Fir-Russja l-Grupp Astra kien taħt it-tmexxija tad-direttur artistiku Manwel Grima, akkumpanjat mill-Mro. Joe Bezzina u George Farrugia. Adelina Attard, il-kantanta versatili Għawdxija sieħbiet il-grupp.

Dr. E. Zulina, id-Direttur taċ-Ċentru Kulturali Russu f'Malta, flimkien mal-Ministeru taż-Żgħażagħ u Kultura u l-Ministeru għal Għawdex, għenu ħafna lill-Grupp Astra f'din il-mawra memorabbli fir-Russja.

Forestals

POPE JOHN PAUL II STREET, VICTORIA • GOZO
TEL: 551234

*Watch out for Trade Fair*
**OFFERS**

NEW WORLD
smeg
JVC
SONY
Creda
Miele

A+M PRINTING LTD. - QALA